MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 27

**It-Tnejn, 21 ta' Diċembru, 2020**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Jeremy | Perit assenjat mid-Dplan Architechts |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 27.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tas-26 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 27.2.2 Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti

## 27.3 Punti mqajjma mill-minuti

**27.3.1** Minuta 26.7 – Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' Dott. Carabott dwar il-laqgħa li hu kellu mal-Ministru tal-Ambjent Onor. Aaron Farrugia fejn infurmah li kuntrarjment għall-dak li kien qed jingħad fuq il-midja soċjali, l-imsemmija laqgħa ma kienitx imsejjħa mill-istess Kunsill Lokali iżda saret fuq inizzjattiva personali.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda sabiex jiġi diskussa punti 27.6.1 u 27.6.2 tal-istess aġenda.

Il-Membri qablu unanimament.

**27.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġ:**

**27.6.1 Proġett Pjazza Franka – Żviluppi wara laqgħa ta' konsultazzjoni**

Is-Sindku informa lill-membri li kif previst kient saret il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-akwata ta' Pjazza Franka fuq il-proposta tal-proġett ambjentali li l-Kunsill jixtieq li jimplimenta f'din iż-żona. Is-Sindku stieden lill-Perit tal-Kunsill sabiex jispjega lill-membri fuq il-punti mqajjma.

Il-Perit irrimarka li r-residenti għoġobhom li jsir proġett bħal dan iżda urew ftit ħsibijiet dwar l-għoli tal-ħajt li kien qed jiġi propost għaldaqstant ġie suġġerit sabiex dan il-ħajt jitbaxxa. Apparti minn hekk kien hemm residenti wkoll li ġibdu l-attenzjoni sabiex ikun hemm sigurta' minħabba l-fatt li jekk dan ser ikun magħluq jista' jkun hemm lok għall-abbuż.

Wara diskussjoni bejn il-membri u l-Perit, s-Sindku qal li l-pass li jmiss hu li dawn il-punti li ħarġu jkunu ikkunsidrati fil-pjanti u jiġu ppreżentati 3D sabiex jinftehmu aħjar.

**27.6.2 PA 7907/20 – Żvilupp fl-akwati ta' Triq Ġużè Flores**

Is-Sindku informa lill-membri dwar PA7907/20 fejn qed ikun propost żvilupp kummerċjali liema żvilupp huwa propost li jitla mill-wied tal-Imsida 'l fuq lejn Triq Ġużè Flores u Triq il-Parilja. Dan ġie deskritt bħala proġett massiċċ li ser jaffettwa l-akwata b'mod ħolistiku.

Il-Perit qal li l-proposta inkwistjoni se tkun qed tbiddel il-firxa tal-iżvilupp kummerċjali lil hinn minn dak li hu deskritt fis-*Central Local Plan* ta' Santa Venera fejn l-art inkwistjoni fi Triq il-Wied tal-Imsida and Triq il-Parilja taġixxi bħala żona ta

'tranżizzjoni delikata bejn użu kummerċjali u residenzjali. Din il-proposta inevitabbilment ser iżżid l-attività kummerċjali aktar fiż-żona residenzjali fit-toroq in kwistjoni.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill jagħmel oġġezzjoni kontra dan il-proġett.

**27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**27.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li fil-laqgħa li l-Kunsill Lokali jkollu ta' kull xahar mal-pulizija, reġgħet ġiet diskussa l-għassa tal-pulizija fejn huwa maħsub li matul din is-sena, ser isir tisbieħ fl-istess għassa, u ser tibda tintuża ukoll mill-*Community Police* li minnha ser ikunu jistgħu joperaw. Is-Sindku kompla jghid li f'Santa Venera il-*Community Police* ser ikun introdott għal ħabta ta' April / Mejju 2021.

**27.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li rega' qed ikun hemm problema bil-*containers* għaliex dawn mhux qed juzaw il-parking bay li saret apposta fi Triq Qormi. Din il-problema qed toħloq inkonvenjent fi Triq Patri Franġisk Grech. Permessi mill-Kunsill mhux jinġarġu iżda dawn qed joħorġu mill-Pulizija dirett. Din il-problema għandha tiġi ndirizzata fil-laqgħa li jmiss mal-Pulizija.

**27.4.3** Is-Sindku informa lill-membri dwar is-*Central Business District* fejn hemm il-ħsieb li partijiet minn Triq Pietru Dacoutros jsir l-asfaltar fiha.

**27.4.4** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li z-zebra crossings ta' Triq il-Kanun fuq approvazzjoni ta' TM ser isiru ukoll mis-*Central Business District*.

**27.5 Rapporti / Korrispondenza**

**27.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat Festi Esterni sabiex jagħmlu lapida ta'tifkira fi ġnien Romeo Romano li tfakkar l-egħluq tal-50 sena minn meta twaqqfet l-istess għaqda.

Wara diskussjoni l-membri qablu fil-kunċett iżda importanti li jispeċifikaw eżatt fejn ser titpoġġa iżda ma nstabitx oġġezzjoni f'dan ir-rigward.

**27.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Ċentru dwar skema 9/2020 għal xiri ta' maskri mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Regjun lir-residenti. L-ispiża ta' dan il-proġett ser tkun sa massimu ta' €5,000 għal kull lokalità. Il-Kunsill Lokali għandu jħallas dan il-pagament u wara għandu jingħata r-rifużjoni lura. Is-Sindku ppropona sbiex immorru fuq l-irħas kwotazzjoni li tinkludi maskli ghall-adulti u kif ukoll għat-tfal sabiex b'hekk ikunu jistgħu jitqassmu f'kull residenza.

Il-Membri qablu unanimament

**27.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Regjun Ċentru dwar skema 10/2020 sabiex jsiru proġetti fil-komunità. Ir-rifużjoni tammonta għal €3,000 u għandna ċans nagħmlu dan sal-31 ta' Marzu 2021.

Il-Membri qablu unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema iżda s-Sindku talab lill-membri sabiex fil-laqgħa li jmiss joħorġu bi proposti sabiex ikunu diskussa u b'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni liema proġett isir.

**27.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Ċentru dwar skema 11/2020 Skema Finanzjarja – għal Proġett *Spinning Photos* sabiex knejjes, kappelli jew xi post storiku (magħżula mill-Kunsill Lokali) tkun tistà tidher b'mod virtwali permezz tà apparat elettroniku u ser tkun inkorporata fuq il-websajt uffiċċjali tal-Kunsilli Reġjonali Ċentru. Il-Kunsill Lokali jkun jistà jibbenifika sa massimu ta' €2,000 u r-rifużjoni tingħata lura wara li jkun sar il-pagament. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex dan il-filmat issir fil-Knisja l-Qadima u / jew fil-Kappella tal-Qalb ta' Ġesu.

**27.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva mingħand id-Dipartiment sabiex il-Kunsill jestendi l-ingaġġ tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament

**27.5.6** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda korrispondenza relatata ma "Embellishment of urban squares" mibgħuta minn Ambjen Malta. Wara diskussjoni l-membri riedu aktar kjarifika u jekk l-iskema kienetx miftuħa biss għal pjazez.

**27.5.7** Il-MITA fl-okkażżjoni ta' 30 sena anniversarju kienu qed jesploraw il-possibilta li jgħaddu donazzjoni ta' 30 siġra lil istess Kunsill Lokali u xtaqu sabiex dawn jiġu mħawwla fil-Ġnien Romeo Romano. Wara diskussjoni, il-membri qablu sabiex nikkonsultaw mas-Sur Charles Scerri f'dan ir-rigward.

**27.5.8** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand MPS Ltd fuq il-kampanja *Water- Be the change* fejn din il-kampanja  l-kampanja hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea għall-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma. Huma qed jitolbu *no objection* mill-Kunsill u l-permessa tal-parking sabiex ikunu preżenti fil-Lokalita mill-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2021 sal-Ħadd 24 ta'Jannar 2021 f'Misraħ Santa Venera/Triq Braille, Sta Venera. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament iżda bħala lokazzjoni l-Kunsill qiegħed jirrakomanda Misraħ il-Kebbies.

**27.5.9** Is-Sindku irrefera għal ċirkulari SPI/SCI/7/2020 li kienet titratta espressjoni ta' interess – "Smart Solutions" għal Immaniġġjar tal-Iskart. Żmien sabiex nissottomettu l-proposti tagħna sas-26 ta' Frar 2021. Dott. Carabott ser jara li din tiġi diskussa fis-sotto kumitat tiegħu sabiex jitressqu l-proposti.

**27.5.10** Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li ssir bieba tal-injam fejn hemm il-pompa minħabba li fejn tinsab hija esposta li xi ħadd jista' jisraqha. Il-membri qablu unanimament u l-Kunsill ser jitlob għal tlett kwotazzjonijiet. Il-qisien tal-bieba jridu jkunu 23" bi 31".

**27.5.11** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar strateġija tal-informatika. Sabiex isir titjib fl-infastruttura tan-networks fil-kunsilli lokali. Minħabba li mhux kull Kunsill Lokali jinsab fl-istess sitwazzjoni fir-rigward tal-Infrastruttura tan-*networks* f'kull binja ser isir assessment mill-kuntrattur sabiex jiġi determinat x'xogħol hemm bżonn sabiex il-binja jkollha l-apparat standard u ċertifikat u jsir dak ix-xogħol ta' upgrade li jkun hemm bżonn. Fl-aħħar tal-proġett ser ikun aċċertat li kull binja jkollha infrastruttura ta' *cabling*

iċċertifikata u li din tilħaq standards industrijali kif ukoll *network cabinet* dedikata sabiex jitpoġġa l-apparat tal-ICT fiha. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex isir it-tibdil neċessarju fil-Kunsill.

Peress li kien sar il-ħin, il-laqgħa ser titkompla bit-tkomplija tal-istess aġenda nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2021, fis-6.00pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 8 ta' Frar, 2021